MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Numru. 689/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs.**

**Christopher Julian Cordina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Christopher Julian Cordina**, ta′ sittax (16) il-sena, iben Joseph u Paolina xebba Cordina, imwieled il-Pieta′ nhar l-4 ta′ Ottubru 1995 u residenti 11, Madonna ta′ Pinu, Flat 2, Triq it-Tramm, Hamrun u detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 421495(M), akkuzat talli f′dawn l-ahhar sentejn, f′dawn il-Gzejjer:

1. b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi dikjarazzjoni falza mahsub ghal xi wiehed mill-ghanijiet msemmija fil-Kapitolu 258 meta kien jaf li dan huwa falz u dan bi ksur ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 14(2)(b)(d) tal-Kapitolu 258;

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghen jew hajjar l-ghemil ta' iffalsifikar ta' diversi karti tal-identita' jew xi dokumenti ohra jkunu li jkunu mehtiega minn, jew mahsub ghal, xi wiehed mill-ghanijiet imsemmija tal-Kapitolu 258 u dan bi ksur tal-Artikolu 14(2)(c)(d) tal-Kapitolu 258.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali tal-4 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 41).

Rat illi, waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 56), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Dicembru 2012, f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 62 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Luke Bonello** (*a fol.* 16 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu. Xehed ukoll li minn informazzjoni moghtija lill-Pulizija, inhareg mandat ta' arrest fil-konfront ta' certu Christian Doublet. Jghid li l-imputat kien irilaxxja stqarrija, liema stqarrija gie ezebita u mmarkata bhala Dok. "LB 3" (*a fol.* 8 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **PS 1122 Arthur Rizzo** (*a fol.* 19 *et seq.*) rigward l-okkorrenza (Dok. "AR 1" – *a fol.* 21 *et seq.*) redatta minnu. Qal li certu Joseph Rivans (ufficjal ta' sigurta ma' kumpanija privata) kien infurmah li kien hemm tfajla bl-isem ta' Beverly Brincat li kellha fil-pussess taghha karta tal-identita falza. Irrizulta li din Brincat kienet ikkonfermat li l-karta tal-identita kienet falza u li diversi hbieb taghha kienu qed jaghmlu dawn il-karti tal-identita foloz bl-iskop li jkollhom access ghan-*night clubs* peress li kienu taht l-eta. Jghid li Brincat qaltlu li kienet kellmet lil certu guvni li kienet tafu bhala CJ, li huwa l-imputat, u dan qalilha biex taghtih il-karta tal-identita, kien ser jghaddieha lil certu Christian Doublet, tatu hmistax (15)-il Euro lill-imputat u l-karta tal-identita taghha.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehed **Chris Doublet** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn qal li kien jiffrekwenta l-istess skola mal-imputat. Ikkonferma li hu (Doublet) kien instab hati mill-Qorti

minhabba karti tal-identita foloz. Meta gie muri Dok. "LB 5" (*a fol.* 31 – *vide* wkoll verbal *a fol.* 29) ikkonferma li din il-karta tal-identita hija wahda falza u kkonferma li kien ghamilha hu. Mistoqsi jghid kif wasal biex ghamel din il-karta tal-identita' jghid ghax kien talabielu CJ u bi pjacir ghamilielu. Meta gie mistoqsi jghid jekk ghamilhiex bi pjacir, jghid lil talbu ghaxar (10) Euro peress li ma kienx jafha lil persuna u ghamilha.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehdet ukoll **Mary Tanti** (*Executive Officer* fis-Sezzjoni tal-Karti tal-Identita, Ufficju Elettorali – *a fol.* 35 *et seq.*) li giet murija Dok. "LB 5" (*a fol.* 31) fejn qalet li ma tahsibx li din hija karta tal-identita tajba u tghid li din hija falza. Ezebiet *sample* ta' karta tal-identita (Dok. "MT 1" – *a fol.* 37). Tghid li Dok. "LB 5" hija ehxen minn Dok. "MT 1". Tghid ukoll li meta ccaqlaq Dok. "MT 1" tara s-salib ta' Malta u li meta ccaqlaq Dok. "LB 5" ma tarahx. Tixhed li Dok. "LB 5" ma fihx is-*security features*.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **Joseph Rivas** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn spjega li huwa *manager* gewwa n-*night club* Havana u li jahdem ukoll l-ufficju tal-karti tal-identita. Spjega li ma kienitx l-ewwel darba li kienu marru xi nies fil-*club* b'karta ta' identita suspettuza u li cemplu lil Pulizija malli raw li kienet marret persuna ohra, li jghid li kienet tfajla pero ma jiftakarx isimha. Gie muri Dok. "LB 5" (*a fol.* 31) fejn qal: *"Min ghalija din kienet imma l-id card bhala id card ezatt din li sibna falza, fil-fatt id-dettalji Triq Patri Billion kollha hekk kienu, b'hekk bdejna ninnotaw ahna, jiena b'hekk innotajt ghax l-indirizzi kienu kollha l-istess, il-format kien l-istess allura ghidtilhom kif tigi ohra f'idejna, nahseb din kienet li tajna lil pulizija"* (*a fol.* 38).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013, xehdu **PS 266 Stefan Decelis** (*a fol.* 47 *et seq.*) u **PC 1138 Andre Spiteri** (*a fol.* 53 *et seq.*) rigward l-involviment taghhom fi tfittxija li saret ghal kompjuter f'residenza mill-Mosta ta' certu Doublet li minnu kienu qed jigu manifatturati xi dokuimenti. Xehdu rigward formola Dok. "SR 1" (*a fol.* 49) u rcevuta Dok. "SR 2" (*a fol.* 52).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013, xehdet **Beverly Brincat** (*a fol.* 57 *et seq.*) li giet murija Dok. "LB 5" (*a fol.* 31) u qalet li kienet ghamlet karta ta' identita falza biex tkun tista' tidhol go *clubs* f'Paceville. Mistoqsija tghid min kien ipprepara l-karta tal-identita, wiegbet: *"Jiena lill-persuna ma nafux personalment, minn wiccu naf, habib tieghu naf jiena" (a fol.* 58). Mistoqsija min huwa l-habib tieghu, tghid li dan huwa l-imputat. Tghid li dan qalilha li jaf lil wiehed li jaf jaghmel l-karti tal-identita u mistoqsija tghid jekk qaltlux bix jaghmlilha xi haga wiegebet li qaltlu biex jaghmlilha karta tal-identita falza biex tkun tista' tidhol fil-*clubs*. Tixhed li kienet hallset hmistax (15)-il Euro u tghid li ma tafx kif kienu ser jinqasmu dawn il-flus.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-4 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 41) jaghmlu riferenza ghas-segwenti:

(a) Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta: reat kontinwat.

(b) Artikoli 14(2)(b), (c) u (d) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta li jghidu hekk:

*"Dokument ta' identifikazzjoni għandu jkollu ritratt tal-persuna li lilha jkun inħareġ, liema fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, ikun verament jixbaħ lil dik il-persuna fil-ħin li ġie maħruġ id-dokument għal residenza u għandu jkun hemm fuqu d-data li fiha tindika l-bidu tal-validità tiegħu u meta jiskadi. Għandu wkoll ikollu l-firma tad-detentur jew kopja tal-firma riċenti tad-detentur, kif ukoll id-dettalji tal-persuna konċernata li ġejjin:*

*[…]*

*(b) l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza;*

*(ċ) nazzjonalità;*

*(d) post u d-data tat-twelid, […]".*

(c) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ma hemmx dubbju illi l-Artikoli kwotati mill-Avukat Generali fir-rigward tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta ma jsibux applikazzjoni ghal kaz in dizamina u dana *stante* li mill-Artikoli kwotati mill-Avukat Generali fir-rigward tal-Kapitolu 258 ma jemergi l-ebda reat pero l-Artikoli kwotati minnu f'dan ir-rigward jirrigwardaw biss x'ghandu jkun fih il-kontenut tad-dokument in kwisjtoni.

Illi jidher li l-Avukat Generali ried jindika Artikoli 24(2)(b), (c) u (d) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux Artikoli 14(2)(b), (c) u (d) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti, Artikoli 24(2)(b), (c) u (d) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw hekk:

*"Kull persuna li –*

*[…]*

*(b) tagħmel xi dikjarazzjoni falza, jew tagħti xi tagħrif falz, jew tipproduċi xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, meta tkun taf li dan huwa falz; jew*

*(ċ) tiffalsifika dokument tal-identità jew xi dokument ieħor ikun li jkun meħtieġ minn, jew maħsub għal, xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att; jew*

*(d) tgħin jew tħajjar l-egħmil ta' xi reat kontra l-paragrafi ta' qabel ta' dan is-subartikolu".*

Illi din il-Qorti, madanakollu, hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-nota ta' rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. *Oltre* dan, fil-kaz odjern, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika l-artikoli t-tajba taht Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta bhala *lapsus calami* u kwindi l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet

kollha migjuba fil-konfront tieghu u dana *stante* li l-Artikoli l-ohra kwotati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tal-gudizzju, liema Artikoli jemergu mill-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni f'kaz li r-reati taht Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta kienu jigu pruvati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------